MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 808/1990/3

**Joseph Naudi Montaldo, bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Montaldo Insurance Services Ltd. u dina bhala agent u in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha General Plastics Ltd., b'surroga datata 28 ta' Mejju, 1990, liema assikurat importa merkanzija li waslet Malta fl-24 ta' Lulju, 1989 fuq il-vapur 'BURGU'**

**vs**

**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' W.J. Parnis England Ltd., u dina in rapprezentanza tas-socjeta' Transmar Shipping and Trading Co. Ltd. proprjetarji u/jew armaturi tal-vapur 'BURGU'; u l-istess Joseph Bowman nomine bhala agenti tal-istess vapur 'BURGU' li wasal Malta fl-24 ta' Lulju, 1989; u Godwin Abela u John Cavallo ghan-**

**nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi:

Peress illi s-socjeta' General Plastics Ltd., impurtat gewwa Malta ghoxrin (20) '*pallet'* materjal tal-'*plastic'* fuq il-vapur 'Burgu' li wasal Malta fl-24 ta' Luljlu, 1989.

U peress illi meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija giet ikkonsenjata lill-importatur, instab illi numru ta' '*bags'* minn din il-merkanzija kienu mcarrta u bil-kontenut nieqes, u dan in-nuqqas kien relattiv ghall-polza tal-kariku numru wiehed (1) (Dok. A);

U peress illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta' assikuratrici Montaldo Insurance Services Ltd., hallset lill-importatur, fl-interessi tas-socjeta' estera American Home Assurance Company, is-somma ta' sitt elef, mija u erba' u disghin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm6,194.63) ghan-nuqqasijiet fuq indikati skond is-surroga hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

U peress illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq indikati.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti nomine, jew min minnhom, ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjarahom responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mill-importatur General Plastics Ltd.;

2. tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm6,194.63 bl-interessi skond il-ligi mit-28 ta' Mejju, 1990, in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li surroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bowman nomine et** a fol. 25 tal-process fejn eccepixxa:

(1) Preliminarjament l-attur noe jrid jiddikjara jekk il-pretenzjonijiet tieghu humiex *in rem* jew le peress li l-konvenut noe gie mharrek kemm bhala agent tal-vapur BURGU u kemm bhala rapprezentant tal-proprjetarju/armatur tal-vapur BURGU.

(2) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-merkanzija tghabbiet taht kundizzjonijiet ta' F.I.O.S. u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti.

(3) Illi kif jirrizulta mill-istess *Bill of Lading* esebita mill-attur noe bhala Dok. A hemm espressament li '*on deck at Shipper's risk the carrier not being responsible for loss or damage howsoever arising'*

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela nomine** a fol. 28 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament John Cavallo m'huwiex direttur ta' l-istess socjeta' konvenuta.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine kkonsenjaw il-merkanzija '*direct from under ship's tackle'* u ghalhekk ma huma responsabbli bl-ebda mod ghall-allegati hsarat u nuqqasijiet.

3. Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digrieti a fol 43 u 73;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari tal-11 ta’ Lulju 1991;

Rat is-sentenza taghha tat-28 ta’ Jannar 2004 a fol 117 li biha cahdet it-talbiet attrici;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Lulju 2007 li biha l-atti gew rinvjati lill dina l-Qorti ghad decizjoni;

Illi dina l-Qorti kienet diga’ ddecidiet il-vertenza bejn il-partijeit billi kienet cahdet it-talbiet attrici. L-attur noe kien appella u l-Qorti ta’ l-Appell kienet irrinvjat dina l-kawza “billi l-kwistjoni dwar responsabilita’ ghadha mhiex cara u jista’ jkun hemm apporzjonament bejn diversi partijiet, inkluza possibilment l-istess socjeta’ importatrici tad-danni reklamati”.

**PROVI**

Mid-dokumenti li l-Qorti issa ghandha a disposizzjoni taghha, hemm fost ohrajn ix-xhieda ta’ Joseph Azzopardi, Releasing officer. Dan xehed li f’dan il-kaz kien hemm “*direct release*” cjoe l-oggetti nizlu minn fuq il-vapur direttament ghal fuq it-*truck*. Qal li hu ma jezaminax il-piz tal-merkanzija izda in-numru ta’ *pallets* biss. Hu ma jiftahx il-*pallets* biex jezamina jekk l-oggett hux bil-hsara, pero’ jekk jinduna bi hsara li tidher minn barra allura jiehu nota taghha. F’dan il-kaz pero’ hu ma ghamel ebda nota f’dan

is-sens. Ma jeskludiex pero' li fl-ixkejjer seta kien hemm xi ticriet li ma setghax jarahom ghax ma jiftahx il-*pellets*.

Xehed ukoll Paul Scerri, Releasing Officer iehor, li kkonferma dak li qal Azzopardi izda zied jghid li hu jiftah il-*pellets* jekk ikollu dubbju dwar in-natura tal-merkanzija. Fil-fatt hu jiftah *pallet* wahda jew izjed sakemm ikun sodisfatt li l-merkanzija hija dik dikjarata mill-impurtatur. Mid-dokumenti ezibiti jidher li l-konsenja saret fi tlett ijiem, pero' ma jiftakarx jekk kienitx *direct release.* Dan ma jfissirx li l-vapur dam tlett ijiem ihott izda li l-konsenatarju ha din l-merkanzija f'perjodu ta' tlett ijiem.

Joseph Naudi Montaldo ikkonferma li t-*total shipment* kien ta' 200 *metric tons* fl-ammont ta' 8,000 *bags*.

Juan Formosa, Surveyor mal-Mediterranean Survey Bureau Limited, xehed li hu ezamina l-merkanzija fil-fabbrika tal-General Plastics u sab li dawn ma kinux f'kondizzjoni tajba, Kien hemm 194 *pallets* meta skond il-*Bill of Lading* suppost kien hemm 200. Hu ghamel *Survey Report*, NM4 ezibit. Sab medja ta' bejn 5 u 8 xkejjer imqattghin fuq kull pallet. Kellu jaghmel *survey* iehor meta l-ixkejjer bil-hsara jigu segregati mill-ixkejjer it-tajbin, izda billi dana ma sarx mir-ricevitur, huwa hadem *average* fuq il-*pallets* li kien fadal fil-fabbrika. (ara raba Survey: *Extent of loss*: (i) *Working Calculation*.

Skond ir-rapport il-hsarat sehhew fil-perjodu bejn meta l-merkanzija telqet minghand is-*suppliers* sa meta waslet ghand ir-ricevitur. Qal li jidhru daqqiet tal-*fork-lifter* bhala toqob fir-ritratti. L-ewwel ritratt juri t-tip tal-hsara kkawzata billi l-*pallets* tpoggew fuq xulxin; It-tieni ritratt juri ticrita kkawzata minn *fork-lifter*; it-tielet ritratt juri kif kienu stivati l-*pallets* fil-fabbrika; ir-raba' ritratt juri xi xkejjer imqattghin. L-ahhar ritratt jidher ftit minn nuqqas li kien hemm imxerred ma' l-art. Dawn ir-ritratti hadhom tlett ijiem wara li wasal il-vapur u jumejn wara li thattet il-merkanzija fil-fabbrika.

Il-konvenut Joseph Bowman xehed li l-konsenja kienet FIOS (*Free in and out stored*). Il-vapur kellu jwassal il-

konsenja sal moll, u r-ricevutur kien responsabbili biex ihott il-vapur. F'dan il-kaz il-*crew* ma setghux juzaw il-*crane* tal-vapur billi dawn kienu se jintuzaw mill-haddiema tax-xatt. Dawn hargu l-*pallets* mill istiva u qgheduhom fl-art, imbaghad tal-Cargo Handling poggewhom fuq il *low loaders* li haduhom fis-*sheds*. Hemmhekk kien hemm *fork lifters* li minn fuq it-truckijiet tal-Cargo Handling poggewhom fl-art biex jistivawhom. Wara mar ir-ricevitur bit-truckijiet tieghu u rega' b'*forklifters* ohrajn ghabbihom fuq it-trakkijiet.

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenut Bowman nomine jikkontendi li hu onora l-obbligu kontrattwali tieghu billi wassal il-merikanzija sal moll skond il-kundizzjoni F.I.O.S. kif miftiehem fuq il-polza tal-karigu. Hu jirritjeni li d-danni gew ikkawzati meta nhattet minn fuq il-bastiment mill-haddiema tal-port u/jew il-haddiema tal-Cargo Handling. Il-hsara giet kawzata minhabba l-uzu tal-*forklifters* u minhabba li l-ixkejjer tqattaw bil-piz li kellhom fuq xulxin.

Il-konvenuti Cargo Handling jissottomettu li huma kkonsenjaw il-merkanzija '*direct from under ship's tackle'* u ghalhekk ma huma responsabbli bl-ebda mod ghall-allegati hsarat u nuqqasijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-obbligu tal-*carrier* kien li jwassal il-merkanzija sal-moll u l-obbligu tieghu kien jieqaf meta jitrakka mal-moll. Imbaghad, skond il-polza tal-karigu, kien kompitu tar-ricevitur li jiskarika l-merkanzija. Dan ix-xoghol ta' l-iskarikar kellu jsir mill-haddiema tax-Xatt. Imbaghad dina l-merkanzija ghaddiet f'idejn il-Cargo Handling u wara giet irtirata mir-ricevitur.

Dwar l-istat tal-merkanzija, meta dina tghabbiet fuq il-bastiment, inhareg certifikat li din tghabbiet *clean on*

*board* u ma ngabitx prova kontrarja li f'dak l-istadju kien hemm xi hsara. Ma ngabitx prova li fl-istiva l-merkanzija kienet garbet hsara waqt it-tragit. Meta l-merkanzija twasslet sal moll, u dina tnizzlet, l-ufficjali ma nnotaw ebda hsara esterna vizzibbli u ma sar ebda notament li kien hemm xi hsara f'dak il-mument. Il-merkanzija inhattet bil-*cranes* mill-haddiema tax-xatt u tpoggiet fuq il-moll imbaghad permezz ta' *forklifters* dina tghabbiet fuq truckkijiet mill-konvenuti Cargo Handling. Wara meta l-merkanzija giet rilaxxjata rrizulta mill-*gate passes out* li kien hemm nuqqas u hsara. Id-dokumenti tad-Dwana fil-fatt jindikaw li kien hemm dawn in-nuqqasijiet u hsara.

Ta' min jinnota hawnhekk, u wara kollox, kif anke osservat il-Qorti ta' l-Appell, ma jidhirx mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti li fil-fatt gie kontestat li grat hsara. Il-kontestazzjoni kienet min mill-konvenuti kellu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferiti fil-merkanzija *de quo*. (ara fol 8 tas-sentenza ta' l-Appell)

**Responsabilita'**

Il-Qorti, wara li regghet ezaminat l-atti kollha tal-kawza, u x-xhieda li l-Qorti qabel ma kelliex a disposizzjoni taghha, terga tasal ghall-istess konkluzzjoni li l-konvenut Bowman nomine ma kienx responsabbili ghall hsarat u nuqqasijiet li garrab l-attur noe u dana ghall istess ragunijiet imsemmija fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar 2004. Dan mhux semplicement ghax l-appell li sar mill-attur noe ma kienx indirizzat ghan non responsabilita' tal-*carrier*. Din l-kwistjoni, skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kellha terga tigi determinata mill-gdid.

Dwar il-konvenut l-iehor, Cargo Handling Co. Ltd., jirrizulta mill-provi li meta l-merkanzija tnizzlet mill-haddiema tax-xatt minn fuq il-bastiment ghal fuq il-moll din il-mekanzija, li fuqha ma giet notata ebda hsara, tghabbiet bil-*forklifters* mill-Cargo Handling ghal fuq it-truckijiet. Is-Surveyor Juan Formosa xehed li parti mill-hsara li kien hemm fil-merkanzija giet kagunata bil-*forklifters*. Hu jghid ukoll li :

"*Gate-Passes issued show that a quantity of pallets were short-received (6) whilst a number of pallets were cleared in a damaged state*".

Dan ifisser li meta l-merkanzija ghaddiet ghand il-Cargo Handling ma kienitx giet riskontrata hsara jew nuqqas u kien wara li giet rilaxxata minnha nstab li kien hemm nuqqas u anke hsarat, ghalhekk il-Cargo Handling ghandha tigi tenuta responsabbili.

Il-Qorti pero' hi tal-fehma wkoll li l-attur noe kkontribwixxa ghall hsarat (mhux ghan-nuqqasijiet) billi kien hemm *stacking* hazin tal-merkanzija fil-fabbrika li wassal biex zdiedet il-hsara u biex il-hsara ma tigiex *surveyed* u assessjata kif suppost.

Fis-survey report jinghad li:  "*The pallets were seen stacked three tiers high in the storage area of the warehouse. Only pallets on the outside tiers could be examined*".

Aktar il-quddiem hemm miktub li:

"*Upon close examination, the pallets were seen to have forklift tears, on the bottom tier. Furthermore, top tier sacks were also torn, indicating that they could have been torn by pallets resting upon them*".

Dan ifisser li kienet giet kagjonata hsara mhux biss ghax il-merkanzija kienet intlaqtet bil-*forklifters* li ntuzaw mill-Cargo Handling imma saret ukoll hsara minhabba l-mod kif tqghedu l-*pallets* fuq xulxin ghand ir-ricevitur. Dan hu ndikat mit-ticrit li kien hemm anke fil-parti ta' fuq tal-*pallets* u mhux biss fil-parti ta' taht.

Kif gie osservat fis-*survey* kien hemm diffikolta biex isir *assessment* preciz tal-hsara kagjonata minhabba kif kienet giet *stacked* il-merkanzija, u minflok is-Surveyor kellu jiehu *average*. Hu rrimarka li "*a better indication of where the damages could have occurred would have*

*been possible if goods were surveyed at discharge state*" u mhux kif gara wara li lahaq ghaddha z-zmien.

In vista ta' dana l-Qorti hi tal-fehma li r-responsabilita' ghandha tigi apporzjonata kif gej: tlett kwarti tat-tort ghall Cargo Handling u kwart ghall attur noe.

Bhala ammont mitlub fic-citazzjoni mill-attur noe hemm Lm6,194.63 liema ammont ma jidhirx li gie kkontestat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tillibera lill-konvenut Bowman nomine mill-osservanza tal-gudizzju
Issib lill konvenuti Cargo Handling responsabbili b'porzjon ta' tlett kwarti tat-tort
U tikkundanna lill konvenuti Cargo Handling biex ihallsu lill attur noe l-ammont ta' ghaxart elef tmien mija u tnejn u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmi (10,822.20 Euro - Lm4,645.97).
Bl-ispejjez kwantu ghall tlett kwarti ghall konvenuti Cargo Handing u kwart ghall attur nomine.
Bl-imghax mit 28 ta' Mejju 1990 sad data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------